MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 890/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Carmel Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmi Carmel Saliba, bin John u Josephine nee’ Saliba, imwieled nhar l-10 ta’ Gunju, 1955, c/o Kunsill Lokali, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 38055(G) li gie akkuzat talli nhar il-15 ta’ Ottubru 2009 fi Triq il-Ponta, kantuniera ma’ Triq is-Sellum, Zebbug, Ghawdex:

1. Fil-kwalita' tieghu bhala Sindku taz-Zebbug, Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor meta ordna li jintefa' konkos fil-proprjeta' ta' Joseph Magro;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

ILLI l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.*

ILLI jirrizulta li spazju vojt, proprjeta' ta' Joseph Magro, kien inghata konkos wara li nghataw struzzjonijiet mill-imputat bhala Sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug sabiex isir hekk, minghajr il-permess tal-imsemmi Joseph Magro.

ILLI meta xehed l-imputat, l-imputat ammetta li ma kienx informa lil Joseph Magro b'dak li kien ser jaghmel u bl-istruzzjonijiet li kien ta sabiex jinghata l-konkos.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**", deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

**Ikkunsidrat**

ILLI jirrizulta mill-provi kif prodotti li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodifacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ mitejn Euro (€ 200.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------